Niltaqgħu mas-Surmastrijiet tas-Soċjetà Ġużeppina tal-Ħamrun
Sensiela kitbiet biografiċi

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Il-ħsieb ewlieni ta' dawn l-aċċenni mużikali f'din is-sensiela ta' kitbiet biografiċi huwa li nlaqqagħkom mas-Surmastrijiet bravi li mexxew din l-ewwel Banda Ħamruniża. B'hekk, insiru nafu aktar mhux biss dwarhom, imma wkoll dwar il-ħidma tagħhom u x-xogħlijiet li ħallewlna fl-arkivju tagħna u oħrajn imxerrdin ma' Malta u Għawdex. Uħud minn dawn il-kitbiet jistgħu 'il quddiem jieħdu saħansitra l-forma ta' analiżi ta' xi xogħol mużikali partikolari li jkun inkiteb minn wieħed minn dawn is-Surmastrijiet. Bdejt biex qrajt dak kollu li ħallielna fil-kitbiet tiegħu l-istorjogarfu tas-Soċjetà tagħna, is-Sur Joseph Mifsud Matrenza – il-bniedem li kien jaf personalment tista' tgħid lis-Surmastrajiet kollha minn Mro. Anton Miruzzi 'l quddiem. Minn hemm imbagħad, nibtet il-kurżità, bħalma dejjem aktarx jiġrili, li nkompli niftaħ u/jew nibni fuq il-ftit li diġà nkiteb, bil-għan li l-istorja tas-Soċjetà tagħna tkun waħda kemm jista' jkun komprensiva, speċjalment mil-lat mużikali. U biex nagħti bidu għal dawn il-kitbiet, għażilt li nibda b'Mro. Carmelo Doneo, mużiċist tas-Seklu Dsatax u l-ewwel Surmast-Direttur tal-Banda tagħna.

Kliem muftieħ: Mro. Carmelo Doneo, Baned Maltin, Tramm, Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun.

## MRO. CARMELO DONEO (? - ?)



Mill-ftit tagħrif li stajt nikseb dwaru jidher li, Mro. Carmelo (jew Carmenu) Doneo twieled Lixandra fl-Eġittu. Kemm id-data tat-twelid u dik tal-mewt tiegħu mhux magħrufin. F'xi żmien f'ħajtu ġie jgħix Malta u aktarx li għall-ewwel mar joqgħod Bormla. Huwa żżewweġ lil Giovanna, imwielda Fiorini, u minnha kellu iben Emidio. Anki hawnhekk, għalkemm Emidio kien imwieled Bormla ma nafux id-data tat-twelid tiegħu, imma talanqas nafu li miet f'Settembru tal-1938. Min-naħa tiegħu, Emidio iżżewweġ lil Giovanna, imwielda Parlar u minnha kellu żewġt itfal, Joseph, li twieled il-Ħamrun fid-29 ta' Ġunju 1907, u miet f'Tas Sliema fl-10 ta' Mejju 1971, u Francesca (? - ?). Interessanti hawnhekk ngħidu li, skont tagħrif mogħti mill-mezzo-sopran Maltija, Marie-Thérèse Vassallo, missierha, Mro. Frank Vassallo (1924-2000) kien jiġi n-neputi tas-Surmast Carmelo Doneo min-naħa ta' ommu Theresa. Fil-fatt, is-Surmast Frank Vassallo beda jitgħallem il-mużika mingħand zijuh Emidio meta kellu biss sitt snin.

Intant, is-Surmast Carmelo Doneo, għalkemm minn surtu kien jidher xi ftit qsajjar u mbaċċaċ, jingħad li kien ukoll dehni u ħabrieki. Kien Surmast metodiku ħafna kemm fit-tagħlim tal-iskulari, kif ukoll fit-treġija tal-Banda. Sfotunatament, minħabba l-impenji professjonali tiegħu bħala mużiċist fil-banda militari, l-għadd ta' baned li kellu taħt il-bakketta tiegħu, u t-tagħlim tal-allievi fil-ħin ħieles tiegħu, ftit kienu x-xogħlijiet li ħarġu mill-pinna tiegħu. (Fir-ritratt: dak li jidher li hu l-uniku wieħed ta' Mro. Carmelo Doneo bl-uniformi tal-militar. Dan il-kwadru jinsab imdendel fis-Sala tal-Kumitat ġewwa l-Każin Banda San Ġużepp tal-Ħamrun.)

Niġu issa biex naraw flimkien liema kienu dawk il-baned (erbgħa b'kollox) illi s-Surmast Carmelo Doneo dderieġa bejn l-1889 u l-1911 – liema karriera teħodlu 'l fuq minn għoxrin sena servizz! Għalkemm imxejt b'ordni kronoloġika nzerta li, dik tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun kienet l-ewwel waħda fil-lista:

1889-99: **Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun**: Jekk ir-riċerka tiegħi jirriżulta li hija waħda korretta, din hi l-ewwel banda li Mro. Doneo qatt idderieġa. Skont Joseph Mifsud Matrenza, l-

istorjografu tas-Soċjetà Ġużeppina tagħna, Maestro Carmelo Doneo kien 'il-veru missier ta' din il-Banda għax kien hu l-ispirazzjoni u l-animazzjoni tagħha.' L-istess awtur jkompli jgħidilna li, 'bis-sabar, bil-għaqal, bil-ħlewwa, bil-ħidma u b'majestrija kbira huwa rnexxielu jwaqqaf din l-ewwel banda ġol-Ħamrun.' Min-naħa tiegħu, l-istorjografu Robert Mifsud Bonnici jgħarrafna li, 'għad li tnax kienu l-promoturi, iżda l-fundatur tal-Banda kien Mro. Doneo.' Fil-fatt, l-ewwel ħaġa li għamel malli laħaq Surmast ta' din il-Banda kien li jwaqqaf skola tal-mużika ġol-Każin stess biex seta' jiddedika l-ftit ħin ħieles tiegħu jgħallem lill-istudenti l-ġodda. Sentejn biss wara, il-Banda wettqet l-ewwel programm tagħha fil-pubbliku nhar is-6 ta' Awwissu 1892, proprju lejlet il-festa ta' San Gejtanu. Fil-programm, flimkien mal-iskulari l-ġodda, ħadu sehem ukoll xi bandisti Ħamruniżi li kienu fl-armata u oħrajn barranin. Il-programm tant kien suċċess li, l-ġurnal *Malta Tagħna* (13 ta' Awwissu 1892) kellu dan xi jgħid fuqu: 'Din is-sena għall-festa ta' San Gejtanu daqqet l-ewwel darba l-Banda tal-Ħamrun jisimha San Ġużepp. Din il-Banda, għal ftit li ilha, daqqet mill-aħjar. Prosit lis-Surmast Doneo u lill-iskulari tiegħu.' Gazzetta oħra, *Gazzetta di Malta* tal-10 ta' Awwissu 1892 ukoll kellha kliem ta' tifħir għal dan il-programm ta' mużika sinfonika u operistika li wettqet is-Soċjetà Filarmonika tal-Ħamrun. Ħasra li, il-korrespondent ta' dan l-artiklu ma jsemmix ix-xogħlijiet li ndaqqew b'isimhom, iżda jsemmi biss li ndaqqew sinfonija u *selection* fost oħrajn. Bħala ringrazzjament, Mro. Doneo kien ingħata bukkett fjuri mingħand il-President ta' dak iż-żmien, is-Sur Temi Conti li, min-naħa tiegħu faħħar id-diliġenza tas-Surmast u tal-allievi żgħażagħ. Il-korrispondent għalaq l-artiklu tiegħu billi ta prosit mill-qalb lis-Surmast Doneo għall-progress li kienet għamlet il-Banda taħt id-direzzjoni tiegħu filwaqt li ħeġġeġ lill-bandisti biex ikomplu jitgħallmu b'dik ir-rieda qawwija li kienu bdew biha. (Fir-ritratt: iċ-Ċirkolu Mużikali San Ġużepp, Ħamrun fi żmenijiet oħra.)





Wara karriera ta' disa' snin imexxi l-Banda San Ġużepp, Mro. Doneo ddeċieda li jidimetti mill-kariga tiegħu. X'kienet ir-raġuni ma nistgħux ngħidu, iżda kif ser naraw, il-karriera tiegħu ta' Surmast-Direttur ma waqfitx hawn. Iżda, qabel inħallu l-Banda San Ġużepp tajjeb insemmu żewġ avvenimenti mportanti fl-annali tal-istorja glorjuża tagħha, il-waħda meta hija laqgħet il-Kappillan il-ġdid, Dun Giakkinu Grech b'marċ qawwi u militari tas-Surmast Doneo, bl-isem ta' *Un Saluto al Ħamrun*, nhar id-29 ta' April 1896, u l-oħra ta' meta daqqet fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla fejn esegwit żewġ programmi taħt il-bakketta tiegħu. Fil-programm tal-Erbgħa 8 ta' Diċembru 1897 indaqqet ir-*Reminiscenza di Verdi*, arranġament tiegħu stess. Fil-fatt, Mro. Doneo kien iħobb idaħħal fil-programmi tiegħu ħafna bċejjeċ operistiċi ta' Verdi flimkien ma' marċi, valzi u mużika ballabbli oħra li kienet ħafna in voga dak iż-żmien. (Fir-ritratt: jidher it-tramm għaddej min-nofs Strada Rjali. Fuq wara jidhru l-kampnari tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. Ir-ritratt bilfors li kien ittieħed f'xi żmien bejn l-1903 u l-1929, is-sena li fiha waqaf jopera t-tramm.)

1891-92: **Għaqda Mużikali Sant' Andrija ta' Ħal Luqa**: Għad li, is-Surmast Doneo għamel sena imexxi lil din l-ewwel banda Luqija, ma jidhirx li teżisti xi forma ta' informazzjoni dwaru u l-ħidma li huwa wettaq fi ħdan din il-Għaqda Mużikali. Fil-fatt, fuq is-sit tagħha ma jirriżulta l-ebda tagħrif fuq dan is-Surmast.

1900-02: **Soċjetà Mużikali Peace tan-Naxxar**: Mro. Carmelo Doneo jidher ukoll fil-lista bħala wieħed mis-Surmastrijiet li mexxew lil din l-ewwel Banda Naxxarija. Huwa dam magħha sentejn biss, u mhux magħruf jekk wara kienx iħabbat x'imkien ieħor qabel l-1906. Huwa fatt magħruf li, Mro.

Carmelo Doneo kien ikun imħabbat ħafna bir-riġment fejn kien surġent fil-Banda tar-*Royal Malta Artillery*.

1906-11: **Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria' tal-Mellieħa**: Lil Mro. Carmelo Doneo nsibuh ukoll bħala l-ewwel Surmast tas-Soċjetà Filarmonika 'La Vittoria' tal-Mellieħa. Hu kien ġie magħżul bħala l-ewwel Surmast-Direttur tagħha biex jieħu ħsieb it-tagħlim tal-mużika għall-bandisti. Għall-ewwel bdielhom bit-teorija sakemm inxtraw l-istrumenti. Wara ftit bdew isiru l-provi tal-Banda kull tmiem il-ġimgħa. L-ewwel dehra tal-Banda fil-festa tal-Bambina kien nhar is-7 ta' Settembru 1907 fejn għamlet marċ f'nofsinhar mat-toroq tal-Mellieħa. Filgħaxija mbagħad, esegwiet l-ewwel programm tagħha fuq palk armat apposta f'nofs il-misraħ, dejjem taħt il-bakketta tal-istess Surmast Doneo. Fil-programm indaqqew xi xogħlijiet minn tiegħu fosthom, *Mon Amour* (Waltz) u *La Vittoria* (Marcia), kif ukoll arranġament għall-banda bl-isem ta' *Reminiscenza di G. Verdi*. Tant kien kbir is-suċċess ta' dan il-programm li, korrispondent fil-ġurnal ta' dak iż-żmien (*Malta Tagħna*) kien faħħar il-preċiżjoni li biha ġiet esegwita l-mużika dakinhar fuq il-planċier. Xi żmien wara l-festa tal-Bambina, is-Surmast Doneo ħass li kellu jċedi postu għal xiħadd aktar żagħżugħ minħabba l-età.

Mhux magħruf x'ġara mis-Surmast Carmelo Doneo wara li ħalla din il-Banda fl-1911.

Kien xieraq ukoll li, l-iskola tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà tagħna tiġi mgħammda għal isem Mro. Carmelo Doneo bħala l-ewwel Surmast-Direttur li qatt kellha din l-ewwel Banda fil-Ħamrun.

Bibliografija:

L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex. Publikazzjoni PIN (1997).

Grech Joseph: Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex. Pubbblikazzjoni PEG Ltd. (2001).

Mifsud Matrenza Joseph: Għaqda Mużikali San Ġużepp – Ħamrun – 1889-1891.

Mifsud Bonnici Robert: Ġrajja ta' Baned Maltin u Għawdxin.

Glossarju:

Bakketta: qasba, virga jew bastun żgħir irqiq li surmast juża biex jiddirieġi orkestra jew banda.

Filarmonika: Skont Robert Mifsud Bonnici, fil-ktieb tiegħu *Ġrajja tal-mużika f'Malta u Għawdex – Dokumenti u Kummenti*: 'B'Għaqda jew Soċjetà filarmonika nifhmu Banda jew Orkestra. Skop ewlieni ta' din il-Banda, Soċjetà jew Orkestra, f'belt jew raħal huwa l-iżvilupp tal-arti mużikali u jitkabbar dejjem il-ġieh tal-Banda jew Orkestra li tifforma Soċjetà.

Maestro (jew Mro.): Kelma oħra minflok Surmast. (Ara Surmast)

Planċier: palk li jintrama fil-festi, magħmul minn pjanċi kbar tal-injam b'mod ċatt biex il-bandisti jkunu jistgħu jdoqqu fuqu.

Promotur: kelma oħra flok organizzatur, inizjatur jew oriġinatur, kulmin jibda xi ħidma/moviment ġdid.

Surmast: titlu mogħti lil kull min hu mgħallem fuq oħrajn bħal ngħidu aħna, għalliem, pedagogu, tiċer, tutur, preċettur jew istruttur. Fil-każ tagħna il-kelma tkun qed tirreferi għal mużiċista li jidderieġi orkestra, banda jew xi grupp mużikali ieħor, imma wkoll kompożitur, i.e. wieħed li jikteb il-mużika.

Tramm: karrozza/vagun tat-trasport tal-passiġġieri li timxi fuq il-linji bl-elettriku. F'Malta, is-servizz tat-tramm kien ġie fdat f'idejn il-kumpanija MaCartney & McElroy. L-inawgurazzjoni tiegħu saret fl-1903. Oriġinarjament, it-tramm kien jitlaq min-naħa t'isfel tal-port il-kbir il-Belt, għall-Marsa, u jibqa' sejjer għat-tlitt ibliet. Ħdejn Blata l-Bajda, il-linja kienet tinfirex f'oħra li tagħti għall-Ħamrun, Ħal-Qormi u Ħaż-Żebbuġ. Is-servizz tat-tramm kellu jieqaf fl-1929 peress li l-kumpanija bdiet sejra lura minħabba telf kbir finanzjarju. Dan kien dovut l-aktar għall-introduzzjoni ta' mezzi oħra aktar moderni bħalma huma l-karrozzi tal-linja.